MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 365/2004

Kawza fil-lista: 22

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati b' digriet tal-24 ta' Lulju 2006 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E F**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici A B C u l-assenti D E F izzewgu fis-sitta (6) ta' Awissu 2003;

U premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbigazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U premess illi l-kunsens tal-konvenut assenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut assenti ghaliex m’ ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-sitta (6) ta’ Awissu 2003 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li permezz taghha eccepew illi l-fatti tal-kawza ma humiex maghrufa u li f’ dan l-istadju ma kienx possibbli li tittiehed l-informazzjoni mehtiega sabiex it-talba ta’ l-attrici tigi kkontestata. Illi ghalhekk l-istess kuraturi deputati qeghdin jirriservaw id-dritt taghhom li jressqu l-eccezzjonijiet ulterjuri hekk u meta huma jkunu edotti mill-fatti ta’ dan il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat ma’ l-assenti, D E F, fis-6 ta’ Awissu 2003 huwa null fil-ligi, stante vizzju tal-kunsens matrimonjali tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-istess Artikolu.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet ghamlet hbieb, permezz ta’ habiba taghha, ma’ l-assenti meta dana kien qieghed jiskonta sentenza fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Eventwalment, fuq insistenza ta’ l-istess assenti, l-attrici kkonsentiet li tizzewwgu, izda ma kellhiex l-intenzjoni li tghix il-hajja matrimonjali mieghu. Wara li dawn izzewwgu fis-6 ta’ Awissu 2003, u wara li l-assenti hareg mill-habs, huwa kien issellef somma ta’ flus minghand l-attrici, u wara ftit telaq minn Malta u l-attrici ma ratux izjed u ma tafx x’ sar minnu. L-attrici tghid li huma qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi, u di fatti z-zwieg ma giex ikkonsumat.

Mill-kwadru premess il-Qorti f’ dan il-kaz tirravviza l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplata fil-paragrafu [f] li jitratta dwar il-kunsens matrimonjali vizzjat bis-simulazzjoni. In vena legali, jinsab osservat fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph C noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996] .*

Fil-kaz in disamina jirrizulta car li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva ta' obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali, u senjatament l-obbligu tal-konvivenza, diretta lejn il-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied. Ghalkemm il-partijiet esternament ghaddew minn ceremonja ta' zwieg, internament huma b' att posittiv tal-volonta' taghhom, eskludew dawn l-obbligi; bil-konsegwenza li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet jinsab vizzjat. Dan igib in-nullita' taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejniethom fis-6 ta' Awissu 2003.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet; izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------